



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2017/0326(COD)**

21.3.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-  
Awtorità Bankarja Ewropea  
(COM2017/0734 – C8-420/2017 – 2017/0326(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jens Geier

PA\_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) L-ispejjeż tar-rilokazzjoni tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea feġġew wara d-deċiżjoni unilaterali tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni. Minkejja dan, abbażi tar-rapport konġunt min-negozjaturi tal-Unjoni Ewropea u tal-Gvern tar-Renju Unit maqbul fit-8 ta' Diċembru 2017 u l-impenn tar-Renju Unit li jikkontribwixxi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-snin finanzjarji 2019 u 2020 daqslikieku baqa' fl-Unjoni u li jikkontribwixxi s-sehem tiegħu tal-finanzjament tal-impenji pendenti fil-31 ta' Diċembru 2020, tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-kontribwenti tal-Unjoni permezz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Ir-Renju Unit offra li jiddiskuti ma' dawh l-aġenziji tal-Unjoni li jinsabu f'Londra dwar kif dawn jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż tat-tluq tagħhom.*

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament Premessa 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(3) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb *ta' l-Awtorità* Bankarja Ewropea fil-post il-ġdid tagħha, *jinhrieg* li jiġi konkluż ftehim dwar il-kwartieri ġenerali qabel ma l-Awtorità Bankarja Ewropea tidħol fis-sede l-ġdida tagħha.

(3) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb *tal-Awtorità* Bankarja Ewropea fil-post il-ġdid tagħha, *jenhrieg* li jiġi konkluż ftehim dwar il-kwartieri ġenerali, *u li jiġi approvat proġett ta' bini skont l-Artikolu 88 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013<sup>1a</sup>,*

qabel ma l-Awtorità Bankarja Ewropea tidħol fis-sede l-ġdida tagħha. *Jenħtieġ li l-ftehim dwar il-kwartieri ġenerali jirrifletti r-responsabbiltà speċjali tal-awtoritajiet Franċiżi li jipprovdu l-aktar kundizzjonijiet xierqa u l-aktar soluzzjoni effiċjenti għall-post tal-Awtorità Bankarja Ewropea.*

---

*1<sup>a</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3a) Ir-rilokazzjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea f'Pariġi, Franza, tirrappreżenta opportunità biex jinħolqu sinerġiji f'oqsma bħall-amministrazzjoni, l-IT u s-sigurtà bejn l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, wara li jitqiesu l-mandat u l-istatus ġuridiku speċifiku tagħhom.*

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament Premessa 3b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda ta' Kompromess*

*(3b) Il-Kummissjoni għamlet proposti leġiżlattivi separati għal reviżjoni tal-qafas ġenerali tat-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, sabiex taġġornahom u tipprovdi sorveljanza*

*regolatorja aktar reżiljenti.*

## **Emenda 5**

### **Proposta għal regolament Premessa 3c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3c) It-trasferiment tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea ma jqiġhedx f'dubju t-tabella tal-persunal kif adottata mill-awtorità baġitarja, u lanqas l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali jew għall-aġenti l-oħra li jaħdmu fl-Awtorità Bankarja Ewropea.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament Premessa 3d (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3d) L-istituzzjonijiet tal-Unjoni qablu li jiffaċilitaw aktar il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-Unjoni u li jesploraw aktar titjib possibbli fl-effiċjenza fi ħdan il-qafas tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji deċentralizzati.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 Regolament 2010/1093/UE Artikolu 7 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Awtorità għandu jkollha s-sede tagħha f'Pariġi, fi Franza.

L-Awtorità għandu jkollha s-sede tagħha f'Pariġi, fi Franza. *L-Awtorità għandha tfittex kooperazzjoni mill-qrib ma' aġenziji oħra tal-Unjoni, speċjalment dawk li jinsabu qrib ħafna tagħha, sabiex*

*ikun hemm tijib fl-effiċjenza.*

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Il-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea
<b>Referenzi</b>	COM(2017)0734 – C8-0420/2017 – 2017/0326(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 11.12.2017
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 11.12.2017
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Jens Geier 11.12.2017
<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.3.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 28 –: 4 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Richard Ashworth, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, André Elissen, Eider Gardiazabal Rubial, Ingeborg Gräble, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Pina Picierno, Răzvan Popa, Paul Rübig, Jordi Solé, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Paul Denanot, Georgios Kyrtos, Ivana Maletić, Tomáš Zdechovský

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT MITLUB JAGĦTI  
OPINJONI**

<b>28</b>	<b>+</b>
ALDE	Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Gérard Deprez
ECR	Zbigniew Kuźmiuk
GUE/NGL	Liadh Ní Riada, Younous Omarjee
PPE	Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Georgios Kyrtos, Ivana Maletić, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Inese Vaidere, Tomáš Zdechovský, Patricija Šulin
S&D	Jean-Paul Denanot, Eider Gardiazabal Rubial, Iris Hoffmann, John Howarth, Vladimír Maňka, Pina Picierno, Răzvan Popa, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Manuel dos Santos
Verts/ALE	Jordi Solé, Indrek Tarand

<b>4</b>	<b>-</b>
ECR	Bernd Kölmel
ENF	André Elissen, Marco Zanni
NI	Eleftherios Synadinos

<b>1</b>	<b>0</b>
PPE	Richard Ashworth

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni